MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-3 ta' Frar, 2003

Avviz Numru. 98/2002/1

**C. Stivala & Sons Ltd**

**vs**

**Joseph Catania**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti jippresenta rikors quddiem il-Bord tal-Kera sabiex l-gholi tal-kera kif stabbilit mill-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2001 u 25 ta' Ottubru 2001 (Dok A u B) jigu determinat u dan ai finijiet tal-artikolu 14 (2) tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes inkuzi dawk tal-ittra ufficjali datata 5 ta' Lulju 2001 u 25 ta' Ottubru 2001.

Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Gie ddikjarat li ghal finijiet ta' kompetenza l-kera huwa izjed minn Lm40 izda inqas minn Lm5000.

Wara li rat d-dokumenti annessi mal-atti a fol 2 u fol 3.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fil-21 ta' Jannar 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex fi zmien xahar, millum stess, jippresenta rikors quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera sabiex l-gholi tal-kera kif stabbilit mill-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2001 u tal-25 ta' Ottubru 2001 annessi mal-istess avviz jigi determinat u dan ghall-finijiet tal-artikolu 14(2) tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tal-5 ta' Lulju 2001 u tal-25 ta' Ottubru 2001 kontra l-istess konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------